MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Numru. 462/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**

**VS**

**Omissis;**
**Carmel Debono, iben Francis u Emanuela nee' Grech, imwieled Tal Pieta' nhar il-25 ta' Marzu, 1964, residenti fil-fond Block C4, Flat 2, Housing Estate, Triq Mahatma Ghandi, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' numru 176364M;**
**Alfred Gianlanze', iben Alfred u Lorenza nee' Bonello, imwieled Tal Pieta' nhar it-18 ta' Awwissu, 1982, residenti fil-fond numru 41, Triq San Guzepp, Rahal Gdid, detentur tal-karta tal-identita' numru 446982M;**
**Omissis**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Carmel Debono** u **Alfred Gialanze’** li gew akkuzati talli b’diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, u cioe’:

1. Nhar is-16 ta’ Awwissu, 2005 u t-8 ta’ Novembru, 2006, fil-Gzira, f’Marsascala, fil-Fgura, u f’inhawi ohra differenti f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, u li jikkonsistu f’vettura gdida fjamanta tal-marka BMW Series 116 li kienet ghadha bla numru tar-registrazzjoni u li ghandha numru tax-chassis jaqra WBAUF12080PW27617 li hi rapurtata misruqa, liema serq kien jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli saru jafu li xi haga li kienet fil-pussess taghhom kienet haga misruqa jew haga mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqsu li jgharrfu lill-pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kienu hekk saru jafu;

3. U aktar talli **Carmel Debono wahdu** fl-istess data, hin, u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe’ billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BAR356, kif ukoll licenzja bil-windscreen falza bin-numru serjali E253311 fuq vettura differenti tal-marka BMW Series 116, illi kienet ghadha bla numru tar-registrazzjoni u li ghandha numru tax-chassis jaqra WBAUF12080PW27617, meta dawn id-dokumenti originarjament jappartjenu vettura differenti tal-marka Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni originali BAR356;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe’ billi wahhal sett pjanci

tar-registrazzjoni foloz bin-numru BAR356, kif ukoll licenzja tal-windscreen falza bin-numru serjali E253311 fuq vettura differenti tal-marka BMW Series 116, illi kienet ghadha bla numru tar-registrazzjoni u li ghandha numru tax-chassis jaqra WBAUF12080PW27617, meta dawn id-dokumenti originarjament jappartjenu vettura differenti tal-marka Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni originali BAR356;

5. U aktar talli **<u>Alfred Gialanze' wahdu</u>** fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-marka BMW Series 116 li kienet ghadha bla numru tar-registrazzjoni u li ghandha numru tax-chassis jaqra WBAUP12080PW27617 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' dwar it-Trasport.

**<u>Fil-konfront ta' Carmel Debono</u>**, rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat Debono rrisponda li hu ma kinx hati tal-istess.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':

- L-Artikoli 18, u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 3(1)(1A)(1B)(2)(2A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi Carmel Debono ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 295).

Rat illi Carmel Debono fi stadju avvanzat tal-proceduri, irregistra ammissjoni li zamm ferm.

Rat nonostante l-ammissjoni, il-provi prodotti. Jirrizulta mix-xhieda mismugha, impjegati jew ex-impjegati ta' Muscat Motors fi zmien li gie kommess ir-reat, illi gew misruqa tliet vetturi godda mill-garaxx fejn kienu jinzammu

l-istess mill-kumpanija Muscat Motors Ltd tal-Gzira. Wahda minn dawn il-vetturi – BMW 116, kienet misjuba ghand l-imputat. Din il-vettura kienet stmata minn certu Hugh Caruana - deponenti f'isem is-socjeta' derubata, ghall-prezz ta' Lm15,500.0, u meta giet rekuperata mill-pulizija u allura ritornata lill-kumpanija proprjetarja, inbieghhet, minhabba d-danni li sofriet, ghall-prezz ta' Lm12,500.00.

L-imputat, kif anke gie precizat fit-trattazzjoni, ghazel illi jikkopera mal-pulizija in kwantu qal dak li qal fl-istqarrija. Il-Qorti in vista' tal-insenjamenti tal-Qrati Kostituzzjonali taghna, pero in vista' tal-fedina penali tieghu li hija ghal kollox netta, taghzel illi ma toqghodx fuq l-istess.

Pero kif inghad, l-imputat ammetta ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u zamm ferm l-ammissjoni registrata – dan meta nghalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni.
In vista' ta' hekk, din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 18, 334, 188, u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta' u kif ukoll l-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Dwar il-piena, qieset dak sottomess fit-trattazzjoni mid-Difiza, anke li Carmel Debono ghandu zewg itfal bi special needs u li hu l-uniku breadwinner. Tqis illi stante l-fedina penali netta tieghu, u tqis ukoll illi r-reat taht l-Artikolu 334, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin(Lm250.00) ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsin centezmu(€582.50), u ghas-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien sitt(6) xhur mill-lum.

**Fil-konfront ta' Alfred Gialanze'**, rat illi moqrija l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, huwa minn naha tieghu kien wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat illi barra xhieda, giet ezebita wkoll l-istqarrija li l-imputat irrilaxxa a folio 81 tal-process. Din l-istqarrija giet ezebita mill-Ufficjal Prosekutur wara li Gialanze’ gie moghti d-debita twissija u din ittiehdet. Issa d-Difiza fit-trattazzjoni taghha talbet illi l-Qorti tiskarta l-istess stqarrija ghaliex skondtha din ma kinitx prova ammissibbli, in kwantu ttiehdet minghajr ma l-imputat Gialanze’ gie moghti d-dritt tal-assistenza legali.

Varji u hafna huma d-decizjonijiet Kostituzzjonali jew dawk moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, li jistabilixxu l-validita’ u l-ammissibbilta’ tal-istqarrija. Il-Qorti hasset ghalhekk illi fl-ewwel lok ghandha thares lejn il-fedina penali tal-imputat a folio 10, illi ghalkemm mhix altament refrattarja, turi li Gialanze’ gia’ kien ikkommetta reati ta’ serq ghal darbtejn. Rat ukoll illi wara dan kollu, l-imputat kellu - meta rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni, erbgha u ghoxrin(24) sena, u li gie moghti d-debita twissija – ghaldaqstant din il-Qorti mhix qed takkolji t-talba tad-Difiza li tiskarta l-istess.

Fl-istqarrija senjatament u biss fejn jirrigwardja lilu, Gialanze’ ammetta li dwar il-vettura BMW hu kien jaf li dik kienet misruqa. Ghen hu sabiex din il-vettura misruqa tigi fil-fatt mibjugha lil terzi, jammetti anke li hu saq din il-karozza biex jurieha lix-xerrej prospettat. Anke jghid illi dan ix-xerrej lilu tah s-somma ta’ mija u sittin lira Maltin(Lm160.00), li minnhom hu zamm is-somma ta’ erbghin lira Maltin(Lm40.00).

Issa dwar is-serq ta’ din il-vettura BMW, Stephen Cachia ghal Transport Malta, xehed illi din kienet registrata fuq Matthew Von Brockdorf ghas-socjeta’ Atlas Insurance Agency.

Xehdu diversi haddiema li jahdmu ma’ Muscat Motors u Mizzi Motors - Joseph Duca, Hugh Caruana, Mario Galea, Louis Dalli, Paul Camilleri, Angelo Abela, Joseph Azzopardi, dwar serq ta’ BMW gdida, mizmuma gewwa l-garaxx tal-istesss kumpanija. Ghalkemm kulhadd kien f’sintonija li din il-vettura gdida kienet gol-garaxx tistenna l-bejgh taghha, cioe’ fil-garaxx tal-kumpanija, hadd ma

kien f'posizzjoni li jaghti spjegazzjoni kif setghet din il-vettura tinhareg mill-istess garaxx tal-kumpanija bla ma hadd jinduna. Anzi jirrizulta mill-atti, illi nsterqu diversi karozzi ohra mill-istess garaxx.

Issa xehed ukoll Martin Xuereb dwar din il-vettura li hu qal illi kien xtara minghand certu wiehed Daniel li kellu zewg itfal handikappati, pero ma kinx qed jaghraf lil dan fl-Awla.

Dik biss hija x-xhieda li l-Qorti tqis illi kienet relevanti fil-konfront tal-imputat Gialanze', ghaliex ix-xhieda l-ohra mressqa hija fil-konfront ta' ko-akkuzati ohra li l-proceduri taghhom ghadhom ghaddejin.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-konfront ta' Alfred Gialanze', u cioe':

- L-Artikoli 18, u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 3(1)(1A)(1B)(2)(2A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi Gialanze' ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji, folio 295.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti stabbiliet illi nsterqet (almenu fil-konfront ta' Gialanze') vettura BMW Series 116 ta' kulur blu - u dan kif ikkonfermat kemm mill-haddiema tas-socjeta' derubata, u kif ukoll mill-istess statement tal-imputat li stqarr illi kien jaf li kienet misruqa dik il-vettura li taghha ghamilha ta' sensar ghall-qliegh ta' erbghin lira Maltin(Lm40.00);
Issib ghalhekk lil Alfred Gialanze' hati biss ta' ricettazzjoni, u dan wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat ukoll fil-konfront tar-recidiva, is-sentenzi ezebiti fil-konfront ta' Alfred Gialanze', ezebiti bhala Dok AG1 a folio 116 u Dok AG2 a folio 120;

Rat illi fil-kaz taz-zewg decizjonijiet Alfred Gialanze' iggwadanja Probation Order taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll illi ma ngabet ebda prova kontra Alfred Gialanze' fil-konfront tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u allura tilliberah mill-istess.

Dwar il-piena, qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) snin mill-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------